# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 979

KAZ NRU. 1248

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Josef Grech

u

Ko-Operattiva ghall-Indafa Pubblika

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 6 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Introduzzjoni :** Illi permezz ta' ittra datata 7 ta' Mejju, 1998, l-appellant talab lill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali jirreferi din il-kwistjoni tax-xoghol lil dan it-Tribunal, liema referenza saret permezz ta' ittra datata 8 ta' Mejju, 1998 ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Art. 28(2) tal-Kap. 266.

Illi ghalkemm l-appellant ipprezenta l-iStatement of Case tieghu, s-Socjeta' ntimata baqghet ma pprezentat xejn u b'hekk irrendiet ruhhu kontumaci.

**Fatti :**

Illi jirrizulta sia mil-istqarrija tieghu u sia mill-istess xhieda *viva voce,* u mid-dokumenti esebiti, illi l-appellant wegga' fuq il-post tax-xoghol, ossia t-trukk taz-zibel tant li kellu subajh amputat. Bil-gurament tieghu, stqarr li meta rritorna lura ghax-xoghol fit-12 ta' Jannar tas-sena kurrenti, huwa gie nfurmat li kien tkecca mix-xoghol pero' il-formola tat-temm ta' l-impjieg ta' l-E.T.C. hija datata 13 ta' Marzu, 1998, anzi tirreferi ghas-17 t'Awissu, 1997 bir-raguni moghtija - *not available when requested.*

Dan huwa kaz rari jekk mhux partikolari, li pero' ma jsibx suffraggju min naha tal-principal stante li baqa' ma deherx biex jaghti l-verzjoni tieghu. Ghalhekk it-talba ta' l-appellant ghandha tigi akkolta.

**Kumpens :**

Illi l-appellant illimita t-talba odjerna ghal wahda ta' kumpens (vide verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 1998). L-appellant gie mpjegat f'Novembru, 1996 u korra f'Jannar 1997. Dam barra ghal sena, kellu paga ta' Lm72 fil-gimgha *part-time* fuq zewg shifts. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal jiffissa l-kumpens pagabbli mis-Socjeta' ntimata lill-appellant fl-ammont ta' elf lira maltija (Lm1,000).

**Konkluzzjoni :** It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara illi l-appellant tkecca mix-xoghol ghal raguni mhux gusta u tikkundanna lis-Socjeta' ntimata thallsu s-somma ta' elf lira maltija (Lm1,000) *in linea* ta' kumpens.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol giet definittivament terminata.

Ghal skopijiet ta' tassazzjoni, t-Tribunal qed jiffissa d-drittijiet dovuti fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm25).

---------------------------
**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**
**CHAIRMAN**